

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1523
tat-8 ta' Settembru 2022
dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽²⁾, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija totalment jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jiġu applikati tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jenħteġ li jiġu kklassifikati skont il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.
- (4) Huwa xieraq li jiġi previst li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa fir-rigward tal-oġġetti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, għal ċertu perjodu tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Jenħteġ li dak il-perjodu jkun ta' tliet xhur.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda skont il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi li mhijiex konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Settembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Gerassimos THOMAS
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

ANNEX

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Oġġett tessili manifatturat ta' forma rettangolari magħmul 100 % minn fibri magħmulin mill-bniedem, magħruf ukoll bħala "kutra ta' taħt tal-elettriku", bil-kantunieri ttundjati u b'daqs ta' madwar 150x80 cm, li jikkonsisti minn żewġ saffi ta' drapp mhux minsuġ tal-intestatura 5603. Mat-tarf tal-oġġett kollu hemm strixxa meħjuta ta' drapp innittjat. Jista' jkollu strixxi elastiċi biex jitwaħħal mas-saqqu.</p> <p>L-oġġett la huwa mimli u lanqas iffittjat minn ġewwa.</p> <p>Huwa mgħammar b'unità tat-tisħin elettrika integrata bi provvista tal-enerġija li tista' tinqala' ta' 220-240 V u bi swiċċ li jirregola l-konfigurazzjonijiet differenti tas-sħana.</p> <p>L-oġġett huwa ddisinjat biex jitqiegħed bejn is-saqqu u l-lizjar biex tissaħħan is-sodda. Ma jkoprix il-parti tas-saqqu fejn suppost tmidd rasha persuna. Skont il-manwal tal-istruzzjonijiet, jista' jinħasel wara li tinqala' l-provvista tal-enerġija.</p> <p>(Ara l-istampa) (*)</p>	6307 90 98	<p>Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-nota 7(f) tat-Taqsima XI, in-nota 1 tal-Kapitolu 63 u mill-kliem tal-kodiċijiet NM 6307, 6307 90 u 6307 90 98.</p> <p>L-oġġett tessili manifatturat ma jistax jiġi kklassifikat fil-Kapitolu 85 bħala makkinarju u tagħmir elettriku peress li dak il-Kapitolu ma jkoprix kutri, pads tas-sodda, muffs għas-saqajn jew bħalhom imsaħħnin bl-elettriku (in-nota 1(a) tal-Kapitolu 85).</p> <p>Il-klassifikazzjoni taħt il-kodiċi NM 6301 10 00 bħala kutra tal-elettriku hija eskluża peress li l-oġġett ma għandux il-karatteristiċi oġġettivi tipiċi ta' kutra tal-intestatura 6301, bħal li jkun jista' jitgeżwer jew jgħatti l-ġisem ta' persuna biex jipprovdi sħana.</p> <p>Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 6302 bħala bjankerija tas-sodda hija eskluża peress li l-oġġett ma għandux il-karatteristiċi ta' bjankerija tas-sodda (pereżempju, lizjar jew għata tas-saqqu), li jikkonsistu milli jipproteġi s-saqqu, il-kutri mimlijin bir-rix tal-edredun jew l-imħaded minn persuna mimduda fuq is-sodda. Għalkemm l-oġġett huwa ddisinjat biex jitqiegħed fuq is-saqqu, ma jipproteġi il-parti fejn suppost tmidd rasha persuna. L-unika funzjoni tiegħu hija li jsaħħan is-sodda u b'hekk tkun aktar komda għall-persuna li tużaha.</p> <p>Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 6304 bħala oġġett għat-tagħmir tad-dar hija eskluża peress li l-oġġett ma għandux il-karatteristiċi ta' oġġett għat-tagħmir tad-dar tal-intestatura 6304, bħal li jkun viżibbli għal kull osservatur ta' kamra. L-oġġett meta jintuża kif maħsub mhuwiex viżibbli fl-ambjent spazjali peress li jkun mgħotti b'lizjar.</p> <p>Minħabba d-dehra ġenerali tal-oġġett u l-materjal taż-żewġ saffi ta' barra tiegħu (drapp mhux minsuġ ta' fibri magħmulin mill-bniedem tal-intestatura 5603), u l-fatt li l-oġġett ma jistax jiġi kklassifikat taħt intestatura aktar speċifika mill-intestatura 6307, għalhekk għandu jiġu kklassifikat taħt il-kodiċi NM 6307 90 98 bħala oġġett ieħor manifatturat ta' drapp tessili.</p>

(*) L-istampa għandha tintuża biss għal raġunijiet ta' informazzjoni.

